# AVVIŻI

1. Il-laqgħat li jmiss se jsiru kif ġej:
   Il-Ħadd 5 u 19 ta' Jannar 2014 fit-3.00p.m.
   Il-Ħadd 2 u 16 ta' Frar 2014 fit-3.30p.m.
   Il-Ħadd 2 u 16 ta' Marzu 2014 fl-4.00p.m.
   Il-Ħadd 6 u 20 ta' April 2014 fil-5.30p.m.

2. Dawk li qalgħu xi grazzja huma mħeġġa li jiktbulna l-grazzja u jagħtuna kemm jistgħu dettalji dwarha. Tinsewx tiktbu isimkom, l-indirizz u n-numru tat-telefown. Grazzji mingħajr isem sħiħ, indirizz u numru tat-telefown ma jiġux ikkunsidrati. Jekk ma tkunux tridu li jidher isimkom fuq il-fuljett dan ma jiġix ippubblikat. Huwa mportanti li, kemm jista' jkun, ittuna ċ-ċertifikat tat-tabib fejn jiċċertifika l-fejqan tagħkom.

3. Inħeġġu lill-qarrejja biex jimlew il-formola ta' sħubija fil-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn il-formoli jistgħu jittieħdu mill-Girgenti stess jew billi tiktbu lis-Segretarja, Dr. Sylvana Spiteri, 6, Sqaq Nru. 2, Triq il-Kbira, Siġġiewi, SGW 1320 jew email fuq ourladyofconsecration@gmail.com.

4. Min hu nteressat li jkun jaf aktar dwar il-ġrajjiet tal-Girgenti infakkrukom li matul is-snin ġew ippubblikati seba' kotba bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. Għandna wkoll id-DVD "Ix-Xejn Aħjar Minni" dwar il-ħajja ta' Ġuża u l-messaġġ tal-Girgenti u DVD ieħor "Nitolbu ma' Marija" li jinkludi r-rużarji b'leħen Ġuża Mifsud. Dawn il-kotba u DVDs jistgħu jinkisbu jew mill-Girgenti jew billi tiktbu lis-Segretarja fl-indirizz fuq imsemmi.

5. Wieħed jista' jakkwista wkoll santi bit-talba ta' interċessjoni ta' Ġuża Mifsud (bil-Malti u bl-Ingliż) kif ukoll domni, keychains, DVDs u kuruni bix-xbieha tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn jinkisbu biss mill-Girgenti jew inkella mingħand xi membru tal-Kumitat.

6. L-indirizz tal-website tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni huwa dan li ġej: www.ourladyofconsecration.org

7. Facebook: Madonna tal Konsagrazzjoni u Youtube: Guza Mifsud

Veritas Press – Żabbar

NEWSPAPER POST VO/0236

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 97 JANNAR 2014 JITQASSAM BLA ĦLAS



**"Jiena f'Ġuża kont nara ċertu serenita', kalmezza fiha, spiritwalita' li qisha kienet kalamita għall-erwieħ fosthom jien... Jiena nixtieq ħafna illi għat-tjubija tagħha, il-Knisja, kollox bil-mod il-mod, imma tintebaħ aħjar kemm għamlet opri kbar u tagħmilha 'serva di Dio', għaliex le?"**

*Kliem Dun Nazzaren Tonna dwar Ġuża Mifsud*

**Il-Kumitat Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni jixtieq iwassal l-isbaħ xewqat tiegħu għas-sena 2014 lill-membri kollha tal-Moviment, lill-qarrejja ta' dan il-fuljett, lill-Maltin u l-Għawdxin kollha u 'l proxxmu kollu. Mulej ibgħat il-paċi Tiegħek fuq id-dinja kollha.**

# DIRETTURI SPIRITWALI U SAĊERDOTI OĦRA LI GĦENU LIL ĠUŻA MIFSUD DUN NAZZAREN TONNA

*(L-ewwel parti)*

Dun Nazzaren kien wieħed mill-ftit saċerdoti li kien jaf lil Ġuża Mifsud snin qabel ma tkellmet fuq il-ġrajjiet sopranaturali li tallega li kien ikollha, li baqa' jgħinha sa' l-aħħar u anka baqa' jagħti s-sehem tiegħu fi ħdan il-Moviment.

## KIF U META SAR JAF LIL ĠUŻA MIFSUD

F'intervista li saritlu f'April 2006 u li ser tkun il-bażi ta' dan l-artiklu huwa qal:

"Jiena lil Ġuża Mifsud ilni nafha qisu mill-annu 1960, kont għadni qassis żgħir u ġieli kont niġi hawnhekk (is-Siġġiewi) billi kelli ż-Żagħżagħ Ħaddiema Nsara. Waqqafthom jiena hawnhekk, ... ġieli mort l-Oratorju u ġieli mort il-Knisja u sirt naf lil Ġuża hemmhekk. Din kienet tmexxi dawk il-laqgħat tal-Figlie di Maria u lili saret tafni minn hemmhekk, b'mod li ġieli stednitni sabiex immur nagħmlilhom xi irtir fl-Oratorju ta' hemmhekk u kont nieħu pjaċir ħafna. Imma qatt ma daħalli f'moħħi illi jiena xi darba ġejt imsejjaħ u magħżul biex inkun wieħed mis-saċerdoti ta' din il-persuna, Ġuża Mifsud, qaddejja tal-Mulej, illi jiena kelli nidħol fil-Moviment ukoll tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni - għalija xejn ma jiġri addoċċ u kollox ikun ippjanat..."

## REĠA GĦAMEL KUNTATT MAGĦHA FIS-SNIN TMENIN

Imbagħad reġa' għamel kuntatt magħha meta bdiet tiġri l-aħbar li hi kellha kuntatti mal-Madonna. Filfatt ikompli jgħid hekk:

"... u mbagħad darba waħda staqsejt fejn kienet toqgħod din Ġuża Mifsud għax ma kontx naf. Meta ġejt l-ewwel darba hawnhekk (id-dar ta' Ġuża) għidt, 'ħa nidħol ħalli nara din il-mara xi kwalita hi.' U jiena kull fejn immur dejjem noqgħod attent, qatt ma ngħid iva jew le imma noqgħod nistudja l-persuna xi tkun... Jiena ammirajt fiha, l-ewwel nett kellha devozzjoni kbira, qima kbira lejn is-saċerdot ta' Kristu, dik kont nammirha ħafna jiena fiha u dik waħda mill-affarijiet li ġibditni lili biex nidħol ukoll ma dan il-Moviment tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni.

Imma meta dħalt hawnhekk kont nistudja lil din il-mara u kont nara ċertu serenita, kalmezza fiha, spiritwalita li qisha kienet kalamita għall-erwieħ fosthom jien. Hawnhekk ġieli iltqajt ma diversi nies. Imma imbagħad qadt nistudjha jiena fil-ħajja tiegħi, kont ngħid, 'Imma din il-mara qed tgħid il-verita' jew qed tivvinta?' Allura ġie li qadt nistudjha jiena u ġieli ħmistax



wara, noqgħod attent, nagħmlilha l-istess kważi domandi biex nara tgħidx l-istess u dik lili nfluwenzatni, kont nara ċertu fedelta', ċerta sinċerita' fiha u ċerta spiritwalita'...

Allura jiena aktar kont nipperswadi ruħi li din il-mara hija għodda f'idejn Alla biex isir il-ġid. Allura mbagħad tiġbdek din il-mara, jien qiegħed nitkellem fuqi, x'kont inħoss jiena u minn xiex kont ngħaddi. Issa forsi jekk tgħid dawn l-affarijiet quddiem in-nies jgħidulek, dawn ħmerijiet, imma jien għalija m'humiex ħmerijiet dawn l-affarijiet għaliex anka dak li kienet tgħid Ġuża u kullmeta konna mmorru l-Girgenti u kienet tgħid xi affarijiet, jien rajt b'għajnejja u ħassejt f'qalbi għax jien bniedem, u meta tara ċertu affarijiet, ngħidilhom jiena, straordinarji li ma tarahomx ta' spiss allura toqgħod taħseb hu, toqgħod taħseb hux veru.

U d-determinazzjoni li kellha jien għalija kienet xi ħaġa kbira, determinazzjoni, deċiżjoni fil-ħajja tagħha, kienet bniedma ta' deċiżjoni, jiena niftakarha wkoll meta kont membru attiv fil-Kumitat, meta kont għadni b'saħħti ħafna, imma kellha dawn iż-żewġ affarijiet li lili aktar kienu aktar iħeġġuni.

Nixtieq għadu ħaj Mons. Buontempo il għaliex jgħidilkom żgur li Dun Nazzaren sewwa qiegħed jgħid, imma jiena għalija kellha dawn iż-żewġ kwalitajiet, deċiżjoni fil-ħajja tagħha: nasal hemmhekk għax jien qiegħed naqdi lil Alla akkost ta' kollox u determinazzjoni, mingħajr ma taqta' qalbha xejn."

## KWALITAJIET OĦRA LI KIENU JOGĦOĠBUH F'ĠUŻA MIFSUD

Jkompli jgħid li lilu kienet tolqtu ħafna: "Il-fedelta' tagħha lejn il-kelma ta' Alla, kienet konvinta minn dak li qed tgħid. Jalla jiena nkun saċerdot, jalla jien inkun konvint ukoll li dak li qed ngħid jien qed ngħidu minn qalbi u qed ngħidu għax Alla jridu minn għandi. U din Ġuża li kienet mara sempliċi, mara sempliċi imma mara kbira għax Alla hekk jaf jaħdem f'dawn l-erwieħ, mara sinċiera, mara illi kellha fiha dan l-ispirtu qaddis, spirtu ferventi, spirtu kbir, spirtu dinamiku illi donna trid tbiddlek dak il-ħin stess...

Darba qaltli, "Ejja ibni daqskemm ilni nistennik," jien bqajt inħares lejha, "Ejja ibni kemm ilni nistennik," u jien qbadt nitħak, għidtilha, "Issa wasalt." Imma qatt ma fhimt għalfejn kienet tgħidli dawn l-affarijiet. U mbagħad qadt naħseb ftit il-pjani ta' Alla kif inhuma. U mbagħad meta rajt dik is-serenita', dik il-kalmezza', ċerta spiritwalita' tajba, ruħ tajba, titkellem fuq Alla, ġibditni din il-mara, ġibditni u dejjem ħassejt li jiena qiegħed nitgħallem ħafna affarijiet minnha. Bniedma li titkellem fuq Alla inti wkoll tibda' tħobb lil Alla aktar minn qabel.

Kont nara li hija persuna ta' Alla, il-kelma tagħha kienet influwenzata

ħafna mill-Ispirtu t'Alla u żgur li kienet tibdel lil kull min jismagħha. Jiena ġieli qaltli… quddiem ommi, "Ibni kun dejjem saċerdot ewkaristiku u marjan, Alla l-imbierek dak li għandu bżonn minnek," allura kont inħoss ġibda speċjali lejha, kont inkompli nħares lejha, nieħu pjaċir u ngħidlu, "Grazzi Sinjur Alla u aħfirli Sinjur Alla li qed tlaqqani ma dawn il-bnedmin."

## ĠUŻA THAJRU JIBDA JITLA L-GIRGENTI

Jidher li kienet Ġuża stess li bi kliemha ħajjritu jibda jitla' l-Girgenti: "… kienet tgħidli, "Aħna qegħdin nagħmlu l-laqgħat il-Girgenti," u jiena kont imħajjar ħafna issa li nibda nitla' l-Girgenti biex nara x'lezzjonijiet kienet qegħda tagħmel u għoġbuni ħafna.

Jiena l-ispiritwalita', li titkellem fuq Alla, li titkellem fuq il-Madonna - la tkun tħobb dawn l-affarijiet u trid issalva ruħek bilfors tħoss xi ħaġa fik li hija ħaġa kbira, ħaġa kbira li jiena rrid inbati ħafna sabiex ngħixhom dawn l-affarijiet ta, il għaliex biex tgħix l-Ewkaristija u biex tgħix l-imħabba lejn il-Madonna u l-qima tagħha u li tkun katekist u xandar tal-bxara t-tajba għal dawn l-affarijiet, min jilqek u min ma jilqekx."

Jistqarr ukoll li ġieli kien hemm min iddieħak bih: "Għandi f'moħħi bħalissa jiena ċertu persuni li m'iniex ħa nsemmihom, li ġieli kont nitkellem magħhom, kont ngħidilhom, "Ejjew intom ukoll bħali isimgħu il-lezzjonijiet, tagħmel il-lezzjonijiet sbieħ." U ġieli daħku bija, u darba għidtilhom, 'għalissa ma jimpurtax imma… xi darba meta l-Knisja taċċetta ċertu affarijiet u x'naf jien u din il-persuna Alla l-Imbierek jibda' jgħolliha imbagħad kulħadd jibda' jersaq fejn tkun qegħda tgħallem.'

Kien jiddispjaċini u kont ngħid f'qalbi, 'Imma dan għax qed jgħidli hekk?' … Imma jiena dejjem kont ngħid li l-affarijiet ta' Alla dejjem ikun hemm xi naqra trouble, dejjem ikun hemm xi naqra niket, mhux dejjem ferħ, allura kont ngħidlu, 'Nitlob għalik jiena, nitlob għalik.' Għax kont nemmen li x-xitan jagħmel kwalunkwe ħaġa biex itellifna dawn l-opri ta' Alla u l-opri t'Alla dejjem hekk jibdew bil-mod il-mod."

## DUN NAZZAREN DWAR DIRETTURI SPIRITWALI PREĊEDENTI.

Dwar id-Diretturi Spiritwali preċedenti ta' Ġuża u qassisin oħra, kellu dan xi jgħid: "Lil Mons. Salv Grima nafu, lil San Ġorġ Preca nafu, lil Dun Danjel Farrugia dak nafu, kien ħabib tiegħi ħafna u dawn il-persuni kienu jitkellmu fuq Ġuża Mifsud b'mod posittiv ħafna. Kellhom idea kbira ta' din il-persuna li kienet mara tajba ħafna u dan lili kien ikabbarni fir-rispett li llum il-ġurnata għandi lejn din il-mara, qaddejja t'Alla, fundatriċi tagħna."



## DUN NAZZAREN XHUD TA' ĠID SPIRITWALI.

Jgħid li matul is-snin sar ħafna ġid spiritwali, ta' nies li kienu mbegħdin mis-sagramenti, kien ilhom ma jqerru s-snin u oħrajn li bidlu ħajjithom: "Jiena ma tantx inħobb indoqq it-trombi imma ġieli kien hemm nies li kellhom bżonn ikellmuni u morna f'kantuniera u qadna nitkellmu, jew fuq bank, taparsi qed nitkellmu bejnietna imma mhux nitkellmu konna nkunu, biex ma noqgħodx nagħti widen jiena x'kont inkun nagħmel. Jiena ġieli ltqajt ma nies li kien ilhom, nistħi ngħidhom dawn l-affarijiet jien, imma kien ilhom żmien twil ma jqerru…

Jiena rajt, jiena rajt b'għajnejja nies illi kienu jiġu għandi bid-dmugħ f'għajnejhom meta jinbidlu, meta jinbidlu u meta jkunu resqin aktar lejn Alla. Jiena kemm ilni nitla' hemmhekk, ma nafx kemm il-sena ilni nitla' hemmhekk imma ġieli rajt nies illi diffiċli biex ma narahomx, jiġifieri baqgħu jitilgħu u jnaqqsu mill-ħajja ħażina tagħhom u jibdew mixjin fit-triq it-tajba bħalma kienu qabel."

**Sylvna Spiteri LL.D**

## KONSAGRAZZJONI TAL-FAMILJI LILL-QALB IMQADDSA TA' ĠESU U L-QALB BLA TEBGĦA TA' MARIJA

Ġuża Mifsud kienet magħrufa ma' ħafna Siġġiwien għall-ammont kbir ta' familji li kienet ħejjiet sabiex jagħmlu l-konsagrazzjoni tal-familja tagħhom. Dawk li jixtiequ jagħmlu l-konsagrazzjoni tal-familja waqt li laqgħa ta' Mejju 2014 huma ġentilment mitluba jgħaddulna d-dettalji tagħhom: email: ourladyofconsecration@gmail.com jew Facebook jew ittra f'6, Sqaq 2, Triq il-Kbira, Siġġiewi.

## TALBA

Sinjur Alla ta' l-Eżerċiti ixħet il-ħarsa tiegħek fuqi, twarrabx idejk minni u żommni dejjem marbut/a mal-volonta' mqaddsa tiegħek.

Mulej, nadurak, imbierkek u nfaħħrek u filwaqt li niżżik ħajr tad-doni u l-grazzji li inti tajt lil Ġuża Mifsud, nitolbok sabiex bl-interċessjoni tagħha u ta' Ommi Marija Santissima, taqlagħli din il-grazzja li tant nixtieq. Amen. Glorja lill-Missier…

## GRAZZJI MAQLUGĦA

J. Borg mill-Fgura kitbet hekk: Ir-raġel tiegħi xtaq ibiddel ix-xogħol għax fejn kien ma kienx għal qalbu minħabba diskriminazzjoni bejn ħaddiem u ieħor. Mill-banda l-oħra beda jibża' jitlaq għax ħaseb li ma jsibx post għall-qalbu. Imma bil-għajnuna tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni u ta' Ġuża Mifsud huwa sab ix-xogħol partikolari li xtaq. Ta' dan nirringrazzja lill-Madonna, lil Guża Mifsud u fuq kollox lill-Mulej.

T. Spiteri miż-Żejtun kitbet hekk: It-tifel Ronald u l-mara tiegħu Sue Ellen, kienu ilhom jippruvaw għat-tfal iżda għal xejn, tant li hi lanqas kien għada tagħmel testijiet biex tiċċekkja jekk ħarġitx tqila. Iżda mbagħad fraħna lkoll flimkien meta qaltilna li kienet qed tistenna tarbija u kellha diġa tliet xhur tqala.

Meta Sue Ellen kellha sitt xhur tqala, it-tabib Magalli qalilha, "Dan il-baby tridu ssiefru Londra bih għax ma nafx kemm ser jgħix. Trid issir operazzjoni fuqu qabel ma jitwieled." Irriżulta li kien miftuq mill-istonku u ma kienx hemm post fejn jiżviluppa l-pulmun, għaldaqstant seta jmut anka qabel ma jitwieled.

Morna nkellmu lit-tabib Fearne u dan qalilna, "Kieku kienet il-mara tiegħi ma nissugrax, għax b'din l-operazzjoni ser ikunu qegħdin jesperimentaw fuq il-baby." Tlabt ħafna lill-Madonna tal-Girgenti u lil Ġuża Mifsud.

Jiena tlajt ma' Sue Ellen l-Ingilterra. Meta konna Londra, it-tabib qalilna li hemm tliet għażliet:

1. Li jsir abort fuq it-tarbija ta' sitt xhur; jew
2. Tistenna li jitwieled u jmut u li jista' jmut anka qabel ma jitwieled; jew
3. Issir operazzjoni permezz ta' labbra li tiddahhal fl-omm waqt li din tkun imqajma, jraqqdu t-tarbija u f'ħalq il-baby tintefaħ bużżieqa.

Jiena tlabt ħafna lill-Madonna tal-Girgenti u għidtilha, "Madonna dan il-baby trid tagħtihulna lura." Aħna qatt ma stajna naċċettaw li jsir abbort fuq it-tarbija. L-operazzjoni saret, kienet passjoni kbira għall-omm għax il-labbra kienet kbira ħafna u l-baby ma ridx jorqod, imma fl-aħħar raqad u ntefħet il-bużżieqa kif kien ippjanat.

Kellna noqgħodu xahar Londra sabiex jekk tinfaqa l-bużżieqa jkunu jistgħu joperaw malajr. Ta' seba' xhur u nofs tqala, ried jerġa jsir l-istess proċess bil-labbra fuq l-omm sabiex tinfaqa' l-bużżieqa. Jiena erġajt tlabt ħafna lill-Madonna tal-Girgenti u lil Ġuża Mifsud u għidt, "Madonna iġbidha inti l-bużżieqa ħalli jsalva." Malli t-tabib faqa' l-bużżieqa il-baby belagħha u t-tabib qalilha li l-operazzjoni kienet irnexxiet u li l-baby kien ser jgħix għalkemm kellu bżonn ta' operazzjoni oħra sabiex l-organi fl-intern jitpoġġew f'posthom.

Meta tlaqna minn Londra bqajna sejrin dritt għal Mater Dei u l-istaff



bilkemm riedu jemmnu b'li kien ġara, tant li bdew jgħidu, "Kif jista' jkun?" Sue Ellen baqgħet l-isptar peress li kien ġej l-ilma magħha u riedu jżommuha taħt osservazzjoni kontinwa.

L-inkwiet ma jaqafx hawn għaliex ta' tmien xhur u nofs, fid-19 ta' Mejju 2012, Sue Ellen infaqgħatilha s-sekonda u kellha tiġi operata ċesarja b'emerġenza. Malli twieled il-baby ma għamel ebda ħoss, iżda huma u ħerġin bih mill-kamra ta twerżiqa kbira qisu ried jgħid, "Jien hawn qiegħed, ħaj."

Wara tliet ijiem li twieled il-baby ġie operat għal ftuq li kellu fl-istonku u sabiex l-intern tiegħu jitniżżel l-isfel. Għall-grazzja t'Alla il-pulmun ma ġralu ebda ħsara.

Illum it-tifel għandu tlettax-il xahar, jimxi u huwa tarbija normali f'kollox. Tajjeb ngħid li t-tifel issemma Kris għal Kristu.

Meta Kris kellu tliet xhur, Ronald u Sue Ellen telgħu biex jgħixu l-Awstralja. Jiena tlajt magħhom. Kien ilni erba' snin ma nara period, iżda kif wasalt hemm imtlejt dmija, tant li ridu joperawni b'urgenza sabiex jitneħħew it-tubes u l-ovaries.

Jiena tlabt ħafna lill-Madonna tal-Girgenti u lil Ġuża Mifsud għall-għajnuna għax jiena qatt ma stennejt li ser ikolli nagħmel din l-operazzjoni f'pajjiż tant il bogħod. Ġejt operata u bqajt nitlob lil Ġuża sabiex tgħinni u tagħtini saħħti lura. Hekk kien għax siegħa wara li ġejt f'sensija mill-operazzjoni qomt mis-sodda u ilbist waħdi tant li l-Professur qalli, "Are you Wonderwoman?" Jiena kont tlajt hemm biex ingawdi lil Kris u mhux biex noqgħod l-isptar!

Meta kont l-Awstralja, mort fil-Knisja li hemm tal-Madonna ta' Pinu, iżda quddiem għajnejja xorta bdejt nara l-istatwa tal-Madonna li hemm il-Girgenti.

Wara biss għaxart ijiem mill-operazzjoni inżilt lura Malta. Kelli kalzetti apposta kontra t-trombosi kif ukoll kelli struzzjonijiet sabiex tul il-vjaġġ noqgħod nimxi.

Jiena nirringrazzja lil Alla li bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Girgenti u ta' Ġuża Mifsud qlajt dawn iż-żewġ grazzji kbar. Għandi devozzjoni kbira ħafna lejn il-Madonna tal-Girgenti u nixtieq li nagħti s-sehem tiegħi sabiex aktar nies isiru jafu dwarha mhux biss hawn Malta imma anka fl-Awstralja. Filfatt ser nibgħat santi bl-ingliż kif ukoll informazzjoni fuq il-Girgenti sabiex infaħħarha għal dak li għamlet miegħi u mal-familja tiegħi. Grazzi Mulej!

**DIKJARAZZJONI:** Il-Bord Editorjali ta' dan il-fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.